# Form 5 Option

# Unit 3 Żvilupp Sostenibbli






**© Ms Lana Turner**

**downloaded from**

**studjisocjali.com**

Form 5 Option









(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

**Żvilupp sostenibbli:** l-immaniġjar tal-iskart; kontroll ta’ tniġġis; użu sostenibbli ta’ riżorsi naturali; sforzi biex jiġi ikkontrollat it-tisħin tal-klima; l-għażla ta’ mod ta’ għejxien ta’ ġid għas-saħħa; edukazzjoni għall-konsumatur.

- Id-definizzjoni ta’ żvilupp sostenibbli.
- Metodi li jwasslu għal żvilupp sostenibbli (reduce, reuse, recycle).
- L-immaniġġjar tal-iskart: metodi ta’ disponiment (l-immaniġġjar tal-iskart integrat, il-miżbliet, l-inċinerazzjoni); edukazzjoni u għarfien.
- It-tniġġis: forom ta’ tniġġis (tal-arja, dawl, skart, ħsejjes, viżwali, radjuattiv, ilma, termali, kontaminazzjoni tal-ħamrija, xita aċiduża); sorsi u kawżi ta’ tniġġis; effetti ta’ tniġġis fuq is-saħħa talbniedem u l-ambjent; l-immaniġġjar ambjentali (il-kontroll talemissjonijiet u l-effluwenti fl-arja, lilma u l-ħamrija).
- L-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali: il-qerda ta’ riżorsi naturali limitati (pereżempju, id-deforestazzjoni, barrieri u minjieri kbar, il-qerda ta’ art agrikola).
- It-tisħin globali: il-kawżi tat-tisħin globali, sforzi biex jiġi kkontrollat ittisħin globali, aktar użu tat-trasport pubbliku, l-enerġija li tiġġedded, sistemi aktar effiċjenti ta’ tisħin u tkessiħ, iż-żamma ta’ vetturi f’kundizzjoni tajba.

Aktar informazzjoni fuq Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà Paġna 243



(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

# L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

L-ambjent jikkonċerna lid-dinja u għalhekk hemm bżonn li jkun hawn liġijiet globali għax problemi bħal tas-CFC's fl-atmosfera huma problemi li jolqtu lill kulħadd għaldaqstant hemm bżonn li jittieħdu azzjonijiet globali. L-ibħra, is-sħana tad-dinja, l-użu ta' l-art, dawn huma ftit mill-problemi li suppost jikkonċernaw lill pajjiżi kollha.

Nisimgħu li d-dinja qed tiġi **globalizzata** u li ċertu pajjiżi qegħdin fit-triq ta' l-**iżvilupp**. Iżda din il-globalizzazzjoni preżenti qiegħda tkabbar id-dominanza ekonomika ta' kumpaniji kbar imsejħa wkoll **kumpaniji multinazzjonali**.

## X'effett għandu dan kollu fuq l-ambjent madwar id-dinja?

- Globalment qed jiżdied m'mod allarmanti t-**tniġġis fl-arja** minħabba d-dħaħen mormija minn dawn il-kumpaniji. Din hija waħda mill-kawżi prinċipali tal-bdil fil-klima li qed iseħħ bħalissa.
- Miljuni ta' tunnellati ta' **skart**, xi kultant anke tossiku, li jipproduċu ħafna fabbriki qed jintremew fl-ambjent naturali. Dan iwassal għal tniġġis fuq skala mifruxa ta' l-art, l-arja u l-ilma.
- Eluf ta' **kilometri ta' art naturali jinqerdu** biex isir spazju għall-postijiet fejn kumpaniji multinazzjonali jagħmlu l-proġetti tagħhom.

## Min qed ibagħti l-konsegwenzi?

- Filwaqt li l-qerda ambjentali tolqot lil kulħadd, huma l-iktar nies fqar li se jħossu l-konsegwenzi koroh. It-tniġġis fl-arja u l-bdil fil-klima qed iħallu effetti distruttivi fuq l-agrikultura, li hija l-mezz



(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

ta' għixien għal ħafna nies. Bdil fil-klima ifisser ukoll rata ħafna aktar għolja ta' diżastri naturali.

- It-tniġġis ta' l-ilma u l-art qed ifisser li ħafna nies li m'għandhomx aċċess għall-ilma tal-vit ikollhom jixorbu ilma mniġġeż mix-xmajjar. Oħrajn qed jieklu prodotti bħall-ħxejjex u ħut li ġejjin minn postijiet fejn hemm tniġġis, bir-riżultat li dawn il-prodotti ikunu saru litteralment 'velenużi'.
- It-teħid ta' l-art naturali minn kumpaniji kbar tfisser li r-riżorsi tad-dinja qed jiġu aktar ikkonċentrati f'idejn il-ftit. B'hekk l-iżbilanċ bejn il-foqra u s-sinjuri dejjem qed jikber. Dan narawh anki f'pajjiżna fejn kumpaniji tal-kostruzzjoni u spekulaturi qed jitħallew 'jiżviluppaw' ammont kbir ta' art naturali u agrikola minħabba l-poter ekonomiku u politiku li għandhom.

**Ir-riżorsi tad-dinja qed jintużaw biex jaqtgħu x-xewqat tal-ftit, u mhux biex jissodisfaw il-bżonnijiet ta' kulħadd.**

Il-kelma ambjent tfisser l-atmosfera ġenerali li wieħed jgħix fiha, jew inkella fi kliem aktar sempliċi dak kollu li nsibu madwarna. L-ambjent ġeneralment jinqasam fi tnejn . . .

- l-ambjent naturali - l-ambjent maħluq minn natura li jinkludi l-art, l-arja, il-baħar u dak kollu naturali ta' madwar il-bniedem.
- l-ambjent kulturali - l-ambjent kulturali jinkludi l-ambjent maħluq mill-bniedem permezz ta' politika, drawwiet, kultura u arkitettura.

Il-bniedem ma jistax jagħmel li jrid bl-ambjent. Irid jibża' għalih għax inkella ikabbar il-problemi għalih innifsu. Meta l-bniedem juża l-ambjent


(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

ħażin huwa jkollu jpatti għal dan, waqt li min naħa l-oħra meta jagħmel użu tajjeb minnu jgawdi.

Forsi llum għalhekk li l-bniedem sar aktar konxju ta' l-ambjent, għax bl-egoiżmu tiegħu għaraf li dannu għall-ambjent ifisser ħsara għalih. Eżempju ċar tar-relazzjoni bejn il-bniedem u l-ambjent (ekoloġija) hija l-klima. Għalhekk hu d-dmir tal-bniedem li jħares il-bilanċ naturali tal-ħolqien.

Sfortunatament ħafna mill-qirda ta' l-ambjent minn naħa tal-bniedem ġejja mill-ħtieġa tiegħu biex iżid il-produzzjoni ta' l-ikel u biex jiġu żviluppati żoni urbani ġodda. Għalkemm il-bniedem qed isir aktar konxju mill-perikli li qed jiffaċċja l-ambjent, huwa jrid jifhem li hemm bżonn ta' aktar azzjoni malajr inkella jkun tard wisq.

L-agħar għadu ta' l-ambjent huwa t-tniġġis. Għalhekk il-bniedem irid jiggarantixxi saħħtu billi jara li jkollu ambjent bla tniġġis. Xi effetti tat-tniġġis huma . . .

- l-effett serra - meta r-raġġi tax-xemx jibqgħu fl-atmosfera minħabba li l-ħmieġ fl-arja u b'hekk tiżdied it-temperatura globali,
- xita aċiduża - minħabba t-tniġġiż fl-arja, ix-xita jkollha l-kimiċi li jagħmlu ħafna ħsara lil ambjent kollu,
- ħsara liż-żona ta' l-ozone - s-saff li jipproteġi lid-dinja qed jonqos u qed iħalli raġġi perikolużi għas-saħħa tal-bniedem jagħddu.


(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

Problema oħra ta' l-ambjent huwa l-iżvilupp. Min naħa għandek il-bżonn li pajjiż jiżviluppa r-riżorsi naturali tiegħu sabiex jimxi 'l quddiem, waqt li min naħa l-oħra għandek il-ħsara lill-ambjent minħabba dan l-iżvilupp, barra mill-fatt hemm limitu għal dan l-iżvilupp.

Waħda mill-problemi kbar tad-dinja hija l-ġlieda kontra l-ġuħ fejn il-bniedem irid iżid il-produzzjoni ta' l-ikel biex ilaħħaq mal-ħtieġa minħabba f'żieda fil-popolazzjoni. Din il-problema tista' tingħeleb billi . . .

- 🌎 l-art tintuża bl-aħjar mod possibbli,
- 🌎 jintuża makkinarju u metodi moderni,
- 🌎 jitnaqqas ir-rimi u l-ħela,
- 🌎 jitnaqqas it-telf ta' ħamrija.

Permezz tat-3 R's ...

- ma naħlux (reduce) enerġija bħal dawl, u kwalunkwe oġġett ieħor,
- nerfgħu nużaw (reuse) prodotti li jkunu għadhom tajbin, ma nużawx affarijiet disposable,
- nirriċiklaw (recycle) nużaw prodotti riċiklati u nirriċiklaw aħna wkoll.




(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

Fl-Istudji Soċjali l-ambjent, kif diġa għidna, jinvolvi wkoll l-ambjent kulturali, fejn nistgħu naraw ċerti elementi Maltin f'dak kollu li għandna madwarna, bħal . . .



- bini - l-istil, djar, knejjes, ħwienet u skejjel,
- it-toroq - differenzi ta' triq dejqa fil-kampanja u oħrajn bypass ġodda,
- ġonna, green areas - postijiet fejn wieħed jista' jirrilassa,
- Playing fields - postijiet fejn familji, tfal u persuni oħra jistgħu jmorru jiddevertu u jistrieħu,
- każini tal-banda - u l-pika u kultant ġlied li jġibu magħhom
- festi - il-mod kif jiġu ċċelebrati u fl-istess ħin kultant jitilfu l-element reliġjuż tagħhom.

Dawn huma kollha parti mill-ambjent kulturali Malti, u hu d-dmir tagħna li nieħdu ħsiebhom u li ma jsirx ħsara f'dan it-tip ta' ambjent wkoll.

L-iżvilupp sostenibbli jsib bilanċ bejn dak l-ambjent naturali u l-ambjent kulturali, b'tali mod li eda wieħed ma jinqered.



(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop

Konklużjoni

1. Żvilupp sostenibbli – Żvilupp li jagħti kas għal ħarsien ta' l-ambjent u mhux l-ħarsien tal-bini biss. Jibnu u jiżviluppaw skont kemm jiflaħ l-ambjent

2. Ħarsien ta' l-ambjent – kemm jieħdu ħsieb l-ambjent, in-natura. Kemm ma jkunx hemm vandaliżmu, kemm jitħawlu siġar, kemm jiġu protetti l-annimali, kemm ma tinħelhiex enerġija, kemm nirriċiklaw, ecc

3. Għaqdiet ambjentali – għaqdiet li jieħdu ħsieb l-ambjent, jitkellmu favur l-ambjent, jaqbżu għal ambjent, joħolqu kuxjenza (awereness) favur l-ambjent.

4. Riċiklaġġ – oġġett jerġgħu jagħmluh f'oġġett ieħor wara li jkun ingħata għar-riċiklaġġ fil-bring in sites

5. 5 ta Ġunju – Jum dinji ta' l-Ambjent

6. Riżorsi Naturali – affarijiet li nsibu fin-natura, minn siġar, baħar, faħam, deheb, xemx ecc

7. Tniġġiż – pollution, ħmieġ li jista' jkun fl-arja, fl-art, fil-baħar, fil-ħsejjes, bid-dawl żejjed ...

8. Engineered landfills – minflok miżbla fejn jintefa kollox kif ġie ġie, dawn ikunu bħal ħofor kbar fejn jintefa ċertu skart biss, biex ma jintefax kollox ħallata ballata u kulħadd jibda jaqssam l-iskart.

9. Riservi Naturali – postijiet fejn in-nies jahdmu biex l-annimali jinżammu fl0aħjar habitat tagħhom

10. L-iskart – zibel, affarijiet li m'għadx għandna bżonn, iżda huma riżorsa li nistgħu nerġgħu nużaw.



(c) Ms Lana Turner & Mr Brian Chircop